**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha, 8 ta' Novembru, 2019**

**Appell numru: 30/17**
**Wara sentenza tal-Arbitragg Mandatorju M1039/2007CC**
**datata 8 ta' Gunju, 2017**

**Antonello Camilleri**

**vs.**

**Geoffrey John Muscat**

**Il-Qorti;**

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni ta' Arbitragg Mandatorju datata 8 ta' Gunju, 2017 fejn gie deciz kif isegwi:

*'Ghal dawn il-motivi, l-Arbitru tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif avvanzati fl-Avviz ta' l-Abritragg datat 15 ta' Novembru, 2007, b'dan li l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tlett elef, seba' mija u sebgha u ghoxrin ewro (Ewro3,727), gja elf u sitt mitt lira Maltin, l-ammont ta' seba' ewro (Ewro7), gja tliet liri Maltin ghar-rapport tal-Pulizija, kif ukoll*

*sebghin Ewro (Ewro70) gja tletin lira Maltin ghas-servizz ta' irmunkar tal-vettura. Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-intimat.'*

2. Illi l-lodo appellat nghata wara li l-appellat rikorrent Antonello Camilleri sostna li sehh incident awtomobilistiku nhar l-4 ta' April 2007 fi Triq l-Imgarr, Xewkija, Ghawdex bejn il-vetturi Ford Escort misjuqa minnu bin-numru ta' registrazzjoni BBG 516 u l-vettura 'Fire Engine' tal-ghamla Iveco bin-numru ta' registrazzjoni GVH 483 misjuqa mill-intimat, konsegwenza ta' liema incident huwa sofra danni fl-ammont komplessiv ta' €3,727 ekwivalenti ghas-somma ta' Lm1600. Ir-rikorrent insista li l-incident sehh rizultat ta' tort u htija unika tal-intimat Geoffrey John Muscat.

Fir-risposta tieghu l-appellant odjern Geoffrey John Muscat eccepixxa illi ma huwiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni u li kien ir-rikorrent l-uniku responsabbli ghall-istess incident b'dana li talab li t-talbiet kollha tar-rikorrent jigu michuda bl-ispejjez.

4. Rat illi l-intimat Geoffrey John Muscat appella mid-decizjoni u ressaq zewg aggravji kif isegwi:

i) Applikazzjoni hazina tal-ligi b'referenza partikolari ghall-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 kif emendat (Legislazzjoni Sussidjarja 65.11), Regolamenti dwar il-Vettura bil-Mutur, regolamenti 83 u 84;

ii) L-apprezzament tal-provi fejn jishaq li t-Tribunal tal-Arbitragg ghamel aprezzament ghal kollox zbaljat tal-provi mressqa quddiemu u gibed konkluzonijiet skorretti.

5. Rat illi l-appellat wiegeb ghall-appell billi sostna li fil-mertu d-decizjoni appellata hija wahda gusta u timmerita li tigi konfermata filwaqt li jinsisti li l-appell odjern huwa wiehed frivolu u vessatorju.

6. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2019 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**

7. Illi l-fatti tal-kaz odjern jidderivaw minn incident awtomobilistiku li sehh nhar l-4 ta' April, 2007 fejn l-appellat Antonello Camilleri kien qed isuq il-vettura tieghu Ford Escort registrazzjoni BBG 516 biex johrog fi Triq l-Imgarr, Xewkija, Ghawdex u f'mument minnhom din habtet mal-vettura 'fire-engine' tat-tip IVECO misjuqa mill-appellant Geoffrey John Muscat bin-numru ta' registrazzjoni GVH 483 liema vettura kienet qed tinstaq mid-direzzjoni ta' Ghajnsielem lejn ir-Rabat, Ghawdex. Il-habta sehhet fl-inkrocju bejn Triq il-Mithna fix-Xewkija u Triq l-Imgarr. Il-vettura tal-appellat kienet hierga minn Triq il-Mithna, Xewkija filwaqt li l-appellat isostni li t-'traffic lights' kienu hodor u habtet mal-'fire-engine' misjuqa mill-intimat appellant li

jsostni li huwa ghadda minn fuq it-'traffic-lights' meta dawn kienu bil-kulur 'amber' u f'mument minnhom il-vetturi habtu. Jirrizulta li l-'fire engine' baqet issuq ghal bicca mhux hazin wara l-habta filwaqt li l-vettura tal-appellat waqfet mal-habta. Il-vettura tal-appellat sostniet danni sostanzjali konsegwenza tal-incident tant li giet dikjarat 'total-loss' mis-'surveryor', filwaqt li l-vettura ferm akbar misjuqa mill-appellant ma sostniet l-ebda hsara ghajr girfa zghira.

8. Illi l-Arbitru waslet ghad-decizjoni taghha wara li saru bosta seduti ghas-smiegh ta' hafna xhieda u kkunsidrat is-segwenti:

*'Illi fil-15 ta' Novembru 2007 ir-rikorrenti pprezenta Avviz ta' Arbitragg flimkien mat-Talba bil-Miktub, li permezz taghhom filwaqt li ghamel referenza ghall-incident stradali li sehh fl-4 ta' April 2007 fi Triq l-Imgarr, Xaghra Ghawdex fejn il-vettura tat-tip Ford Escort targata BBG 516, propjeta ta' Antonello Camilleri kienet involuta f'incident ma' vettura tat-tip Iveco targata GVH 483 misjuqa mill-intimat Geoffrey John Muscat u l-istess rikorrenti talab is-segwenti:*

1. *Dikjarazzjoni li Geoffrey John Muscat kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fl-4 ta' April 2007 fi Triq l-Imgarr, Xaghra Ghawdex.*
2. *Ordni u kundanna ghall-hlas tad-danni rizultanti mill-incident, liema danni jammontaw ghas-somma ta' Ewro3,727 (tlett elef, seba' mija u sebgha u ghoxrin ewro) gja Lm1,600 (elf u sitt mitt lira Maltin).*
3. *Ordni u kundanna lill-istess intimat Geoffrey John Muscat ihallas id-drittijiet u l-ispejjez konnessi ma' dan l-Arbitragg, inkluz l-ispejjez konnessi mar-rapport ta' Natalino Agius, flimkien ma' l-ispejjez tat-tow service, kif ukoll l-*

*ispejjez tar-rapport in kwistjoni, l-ittra ufficjali datata sebgha u ghoxrin ta' April 2007 li gietipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Generali).*

*Illi l-intimat Geoffrey John Muscat debitament notifikat bl-atti ta' dan l-Arbitragg fit-22 ta' Novembru 2007, intavola risposta relattiva, fejn eccepixxa s-segwenti:*

*1. Illi r-rikorrent kien unikament il-kawza ta' l-incident in kwistjoni, billi minhabba f'imperizja, negligenza u nuqqas ta' kura u harsien tar-regolamenti tat-traffiku –*

*a. Saq b'velocita' eccessiva*

*b. B'konsegwenza ta' dan, spicca ma lahaqx ibbrejkja u qabez il-lights meta dawn kienu ghadhom ma jindikawx il-kulur 'ahdar' ghalih biex jghaddi.*

*c. Ma zammx proper lookout u ma rax lill-vettura misjuqa mill-esponenti qabel kien tard wisq.*

*2. Illi minn naha tieghu l-esponent kien gustifikat fic-cirkustanzi li jghaddi meta d-dawl kien 'amber', billi tali dawl ma jipprojbix assolutament li jsir sewqan izda huwa dawl intermedjarju u jirrikjedi biss li s-sewwieq jipprepara ghall-qlib finali tad-dwal jew lejn l-ahmar jew lejn l-ahdar. Inoltre, f'kazijiet bhal dawk odjern, id-dwal tan-naha tar-rikorrent ma jaqilbux amber hlief wara xi mumenti li jkunu qalbu amber dawk tan-naha ta' l-esponenti. Ghalhekk il-probabilita' hija li d-dwal tan-naha tar-rikorrent kienu ghadhom homor meta qasam l-intersection, u li hu ma zammx proper lookout ghax kieku kien zgur jara t-trakk bil-beacon mixghul.*

***<u>Seduti mizmuma</u>***

*Dan l-Arbitragg gie assenjat lill-Arbitru sottoskritta sussegwentement li l-Arbitru li originarjament kien qieghed jisma' l-kaz, astjena li jipprosegwi bis-smigh. L-Arbitru*

*sottoskritta giet ezentata li terga' tisma mill-gdid il-provi u x-xhieda prodotti precedentement, liema xhieda u provi jikkostitwixxu parti ntegrali mill-atti ta' dan l-Arbitragg.*

*L-Arbitru inoltre zammet sitt seduti, datati 12 ta' Frar 2016, 26 ta' Frar 2016, 8 ta' April 2016, 17 ta' Gunju 2016, 16 ta' Settembru 2016 u 3 ta' Frar 2017, liema verbali u xhieda, qed jigu hawn riprodotti testwalment:*

<u>*Seduta mizmuma illum 12 ta' Frar 2016 fid-930am il-Qorti, Ghawdex.*</u>

*Prezenti r-rikorrenti assistit minn Dr Deborah Mercieca. Prezenti l-intimat assistit minn Dr Ariana Falzon, u Christopher Buttigieg rapprezentant Dipartiment Protezzjoni Civili.*

*Id-difensuri tal-partijiet jezentaw lill-Arbitru li tisma' l-provi mill-gdid.*

*Bidu tal-provi intimat*

*Jixhed l-intimat Geoffrey John Muscat*

*Geoffrey John Muscat bil-Malti u bil-gurament jghid:*

*Niftakar li konna ghaddejjin minn Mgarr Road, konna jiena u Leonard Tabone. Ahna konna resqin fuq il-lights, dak iz-zmien kien hemm il-lights, u kienu green lights. Niftakar li x'hin wasalt qrib il-lights, qalbu amber.*

*Jiena harist mill-mera tal-vettura, rajt il-karozzi gejjin minn naha ta' wara, u harist fuq in-naha tal-left u tar-right, tax-Xewkija u tax-Xaghra, u bqajt ghaddej direzzjoni lejn Victoria.*

*F'daqqa wahda nisma lil Leonard Tabone jghidli: 'arem, arem, arem', u qalli li kien habat xi hadd fuq in-naha ta' wara tat-trakk. Jiena ma rajtux.*

*Imbaghad, jiena ipparkjajt it-trakk mal-genb tat-triq biex ma nghalaqx it-triq.*

*Jiena kont gej minn Mgarr Road sejjer lejn Victoria. Ahna konna gejna imsejha fuq emergenza ghax kien hemm persuna maqbuda gholi ta' zewg sulari. Kien hemm periklu, u l-persuna kienet ser taqbez.*

*Nghid li l-ispeed tieghi kien ta' madwar sittin jew sebghin kilometre.*

*Naghmel referenza ghall-pjanta ezebita fl-atti mmarkata bhala Dokument J. Jiena kont niezel minn Triq l-Imgarr direzzjoni lejn Victoria. Il-lights dak iz-zmien kienu fejn hem in-numru '1'.*

*Kien bil-lejl u kelli l-beacon lights mixghulin. Kelli d-dawl blu – tnejn fuq is-saqaf, u tnejn l-ohra fuq il-faccata tat-trakk. Kelli d-dawl normali tal-vettura quddiem, fil-genb u fuq wara. Peress li kien bil-lejl, ma stajtx indoqq is-sirena.*

*Jiena harist mil-mera fuq in-naha tax-xufier. Kien hemm karozzi warajja li kieku bbrejkjajt, kien jidhol go fija. Waqt il-hin ta' l-incident t-traffiku kien normali, ghal bil-lejl.*

*Jiena ma rajt lil hadd gej minn naha tax-xellug tieghi – minn naha tal-Mithna. It-trakk twil thirty feet.*

*Naghmel referenza ghall-pjanta J u nghid li jiena waqaft fejn immarkajt 'X', ftit 'l fuq mill-bus stop. Hemmhekk hemm centre strip – biex ma nostakolax it-traffiku, waqaft mal-genb. Il-hsara fit-trakk tieghi kienet girfa zghira fix-shutter ta' wara.*

*Jiena ma hallejt l-ebda brakemarks.*

*Wara li hbatna, kellimt lil Antonello u staqsejtu jekk wegghax, qalli 'le', u ma kienx hemm kliem aktar. Ma nafx jekk il-passigier li kelli mieghi kienx tkellem ma' Antonello. Niftakar li l-passigier kien hareg mit-trakk.*

*Il-Pulizija kienu kellmuni dakinhar, huma kienu kellmuni fuq il-post.*

*Qed nigi moqri mir-rapport tal-Pulizija, u nghid li jiena naqbel mar-rapport.*

*B'referenza ghall-pjanta J, nghid li jiena waqaft fejn immarkajt X, u mhux kif jidher aktar 'l fuq.*

*Wara l-incident, niftakar li kienet giet il-mama tieghu d-dar tieghi u bdiet tghajjat.*

*Kontro-ezami riservat*

*f/t*

*Geoffrey John Muscat*

*Dan l-Arbitragg qed jigi differit ghal kontinwazzjoni provi intimat ghas-26 ta' Frar 2016 fis-1pm, il-Qorti, Ghawdex.*

*Seduta mizmuma illum 26 ta' Frar 2016 fis-1pm il-Qorti, Ghawdex.*

*Prezenti r-rikorrenti assistit minn Dr Deborah Mercieca. Prezenti l-intimat assistit minn Dr Ariana Falzon.*

*Jixhed l-intimat Geoffrey John Muscat*

*Geoffrey John Muscat bil-Malti u bil-gurament jghid:*

*Nghid li t-trakk intlaqat fuq in-naha ta' wara, tax-xellug. Qed nesebixxi bhala Dokument X, b'marka X, fejn intlaqat it-trakk.*

*Qed nesebixxi Dokument X1, li huwa ritratt li ttiehed aktar mill-vicin ta' fejn intlaqat it-trakk. Nghid li jiena ma hassejtux. Nghid li minn dakinhar s'issa it-trakk ghadu hekk u ma trangax.*

*Nispjega li out trigger huma t-travi tal-hadid, li minnhom hemm erbgha, tnejn u tnejn. Dawn l-out triggers jahdmu meta t-trakk ikun wieqaf u nistabilizza t-trakk u ahna nkunu fuq is-sellum. Qed nimmarka fuq dokument X1 u fuq dokument X bl-ittra O, l-out triggers.*

*Nghid li ma kienx hemm zrar u trab dakinhar ta' l-incident.*

*Jiena ma smajt l-ebda hoss ta' brake.*

*Jiena wara l-incident kont staqsejt lil Antonello jekk wegghax u wegibni li le, jiena kont infurmajt il-control room taghna li kellna incident.*

*Il-pulizija gie fuq il-post wara l-incident. Jiena kellimt lill-Pulizija, u konna ahna stess li konna cempilna l-pulizija.*

*Mal-habta Antonello baqa' ezatt fejn kien.*

*Qed issirli referenza ghar-ritratt Dok C, li gie ezebit mir-rikorrenti f'seduta precedenti, nghid li ahna bqajna f'dik il-posizzjoni. Nispjega li kif kien gara l-incident, jiena ma ndunajtx, bqajt insuq u Leonard gibidli l-attenzjoni. Jiena kont soqt mal-genb sabiex jaghddi t-traffiku. Jiena naqbel mar-ritratt.*

*L-incident gara bejn il-1 u t-2 li jidhru fil-pjanta mmarkata bhala Dokument I.*

*Kif tkellimna mal-Pulizija tajna l-verzjoni taghna u wara komplejna bix-xoghol.*

*Kontro-ezami riservat*

*f/t*

*Geoffrey John Muscat*

*Jixhed Leonard Tabone, prodott mill-intimat.*

*Leonard Tabone bil-Malti u bil-gurament jghid:*

*Nghid li ahna dakinhar konna hrigna fuq emergenza, sa fejn niftakar jiena l-lights kienu orange, u ma kienx hemm cans li jieqaf, u gara l-incident.*

*Ahna konna gejjin minn Ghajnsielem ghar-Rabat, u l-emergenza kienet ir-Rabat jekk miniex sejjer zball, It-Tokk.*

*Jidhirli li l-lights qabel kienu hodor.*

*Minhabba li kienet emergenza ahna konna qed nuzaw il-blue lights. Dakinhar ahna ma kellniex sirena, ghax jidhirli li dak iz-zmien kien wara l-hamsa u ma stajniex nuzawha.*

*Niftakar li t-traffik dakinhar kien normali.*

*Ma jidhirlix li ahna kellna karozzi warajna.*

*Jiena kont rajt vettura ohra gejja mix-xellug taghna, u dan kien kif ahna konna ghaddejna.*

*Ahna ma jidhirlix li konna hallejna brake marks, ghax it-trakk huwa armat biex ma ikaxkarx tyres, bl-ABS.*

*Nghid li jiena lill-vettura l-ohra rajtu minn gol-mera, u bil-kemm ma kontx hsibt li konna ghaddejna.*

*Kif indunajt bl-incident jiena kont ghidt lix-xufier biex jieqaf, ghax ahna konna ghaddejjin ftit mhux hazin bhala speed.*

*Jiena ma jidhirlix li kont kellimt lill-ohrajn, naf li mbaghad gie l-Pulizija fuq il-post.*

*Kontro-ezami*

*Naqbel li t-triq ta' l-Imgarr hija triq dritta.*

*Naqbel li hemm vizwali twila. Ma nafx jekk kienx hemm vetturi qabilna, jekk kien hemm kienu warbulna.*

*Nghid li l-lights kif wasalna kienu orange, u kif dhalna ghal gol-lights gew homor.*

*Naf li l-lights idumu orange ftit sekondi.*

*Nikkonferma li kif qbadna l-lights, dawn kienu homor.*

*Jiena ghadni mpjegat mas-Civil Protection.*

*Ahna konna ghaddejjin b'madwar hamsin kilometru.*

*Ahna konna sejrin fuq emergenza li kienet dwar bniedem li kien tela' fuq cherry picker u ma nizilx.*

*Jiena l-vettura ta' Antonello rajtha, x'hin kwazi konna ghaddejna. Jiena rajtu ghax harist ghax kieku ma konniex nindunaw. Antonello kien qed jaqsam.*

*Jiena ma kellix kontroll fuq il-vettura li kont fiha.*

*Jiena ma gbitx l-attenzjoni tax-xufier li dak il-hin konna ghaddejjin minn red light.*

*Jiena ma niftakarx jekk ix-xufier kienx ikkumenta.*

*Jidhirli li kien hemm passiggieri ohrajn ma' Antonello, pero' ma nafx kemm.*

*It-trakk waqaf aktar 'il isfel minn fejn gara l-incident peress li konna gejjin b'certu speed, imma brake marks ma jhallix.*

*Ma jidhirlix li daqqejna l-horn.*

*Kontro-ezami ulterjuri sospiz.*

*Moqrija*

*Leonard Tabone*

*Dan l-Arbitragg qed jigi differit ghall-kontinwazzjoni provi ntimat ghat-8 ta' April 2016 fin-1230pm, il-Qorti, Ghawdex.*

*<u>Seduta mizmuma llum 8 ta' April 2016 fis-1pm il-Qorti, Ghawdex.</u>*

*Prezenti r-rikorrenti assistit minn Dr Deborah Mercieca. Prezenti l-intimat assistit minn Dr Ariana Falzon.*

*Kontro-ezami tar-rikorrenti Antonello Camilleri*

*Antonello Camilleri, bil-Malti u bil-gurament jghid:*

*L-incident sehh wara d-disgha ta' filghaxija. Ahna konna erbgha min- nies fil-vettura. Jiena rajt il-lights jaqleb referenza Dok I, fejn hu mmarkat.*

*Qed jigi moqri lili l-istatement li jiena tajt lill-pulizija u nghid 'moderate speed' hija 40/50 km/hr. Nghid li meta jiena rajt il-lights fil-pozizzjoni mmarkat, il-kulur tal-lights kienu homor u bdew jeqilbu, x'hin jiena wasalt hdejhom kienu hodor.*

*Jiena kont rajt il-fire engine gejja, u kont ippuvajt nieqaf, qabel ma' qbadt il-lights. Fil-fatt kif gara l-incident jiena kont nofsni gewwa u nofsi barra. Il-habta saret kif jiena hrigt mil-lights ezatt.*

*Meta jiena rajt it-truck jiena bbrejkjajt. Id-dawl blu dak il-hin ma nafx jekk rajtux, rajtu meta kien ipparkjat.*

*Jiena lqatt in-naha tal-passiggier tat-trakk, fuq ir-rota ta' wara.*

*Jiena lqatt fuq quddiem fil-karozza tieghi.*

*Naf li quddiemi ma kienx hemm vetturi warajja ma nafx.*

*Dakinhar fl-art kien hemm xi zrar, li jiena ndunajt bih wara.*

*Jiena ma caqlaqx il-vettura tieghi, sakemm imbaghad gew il-pulizija.*

*Naqbel li jiena hallejt brakemarks. Il-vettura minn dakinhar jiena ma sewwejthiex.*

*Ri-ezami*

*Referenza Dokument I – fejn hemm immarkat fejn kienu l-lights u nghid li kienu homor, nghid li l-process biex jaqilbu huwa biss ta' zewg jew tliet sekondi.*

*Il-punt li jiena mmarkat il-lights kienu homor, u kien hemm ic-change over.*

*Kontro-ezami ulterjuri riservat.*

*Moqrija lix-xhud*

*f/t*

*Antonello Camilleri*

*Kontro-ezami Diane Debrincat*

*Diane Debrincat bil-Malti u bil-gurament tghid:*

*Dakinhar ta' l-incident konna erbgha, jiena kont wara d-driver. Konna ghaddejjin bi speed moderat, jiena ma nsuqx ma nafx b'kemm velocita'.*

*Meta konna qed naqsmu l-lights, jiena rajtu t-trakk. Id-driver ma naqqasx l-ispeed ghax kien ahdar, nispjega li d-driver tal-karozza taghna, minkejja li ra t-trakk.*

*Id-driver taghna bbrejka, ghax ra lit-trakk baqa' hiereg. Meta ra t-trakk gej go fih, ibbrejkja.*

*Jiena ma rajtx dawl blu tal-fire engine.*

*Jiena kont f'panic wara l-accident u ftaht il-bieba u hrigt.*

*Jiena ma nafx x'ghamel id-driver meta kien hemm iz-zrar.*

*Moqrija lix-xhud*

*f/t*

*Diane Debrincat*

*Kontro-ezami ta' Jocelyn Borg*

*Dakinhar ta' l-incident jiena kont fuq wara in-naha tal-passigier. Bi speed moderat jigifieri la hu qawwi u lanqas slow. Jiena ma rajtux it-trakk. Rajt it-trakk l-ewwel darba kif hrigna mil-lights. Dak il-hin Antonello pprova jibbrejkja u ma setax ghax kien hemm iz-zrar.*

*Id-dawl blu tal-fire engine jiena rajtu x'hin hbatna go fih.*

*It-traffic lights naf li kienu hodor qabel ma hbatna.*

*Moqrija lix-xhud*

*f/t*

*Jocelyn Borg*

*Kontro-ezami ta' Christine Camilleri*

*Dakinhar ta' l-incident jiena kont fuq quddiem. Speed moderat jiena nifhem madwar 40/50 km/hr.*

*Aktarx Antonello beda jibbrejkja x'imkien lejn il-mithna.*

*Ma niftakarx ezatt fejn jiena rajt it-trakk, aktarx fejn il-mithna.*

*Wara li qbizna l-lights, it-trakk ma bbrejkjax naf li baqa' ghaddej anke wara li hbatna.*

*Li niftakar li jiena l-uniku kulur li rajt il-lights kienu hodor, anke x'hin hrigna mill-lights.*

*X'hin hrigna mil-lights jiena rajtu d-dawl blu tal-fire engine.*

*Antonello beda jibbrejka malli ra t-trakk. Niftakar li kien hemm xi zrar. Ahna bqajna ghaddejjin normali, bl-istess speed.*

*Quddiemna ma kienx hemm karozzi, u ma jidhirlix li kien hemm karozzi warajna.*

*Biex hrigt mill-karozza kellu jigi jiftahli Antonello peress li l-bieba tan-naha tieghi kienet mghaffga, minn gewwa ma stajtx niftaha.*

*Ri-ezami*

*Jiena ma niftakarx xi speed kien ghaddej it-trakk, pero' hassejt li kif hbatna baqa' ghaddej. Niftakar li hadd ma kien gie jiccekja kif ahna u l-karozza kienet tidher total loss.*

*Moqrija lix-xhud*

*f/t*

*Christine Camilleri*

*Dan l-Arbitragg qed jigi differit ghall-kontinwazzjoni provi ntimat ghas-17 ta' Gunju 2016 fin-1130am, il-Qorti, Ghawdex.*

*<u>Seduta mizmuma illum 17 ta' Gunju 2016 f'nofsinhar il-Qorti, Ghawdex.</u>*

*Prezenti r-rikorrenti assistit minn Dr Deborah Mercieca. Prezenti l-intimat assistit minn Dr Ariana Falzon.*

*Kontro-ezami ta' Natalino Agius*

*Natalino Agius, bil-Malti u bil-gurament jghid:*

*Qed nigi muri r-rapport tieghi mmarkat bhala Dokument B, ma' l-affidavit, nghid:*

*Nikkonfermah. Il-vettura kellha daqqa estensiva fuq quddiem fuq ix-xellug. Mid-daqqa jidher li s-sewwieq habat ma' xi haga gholja. L-affarijiet spustjaw ruhhom lejn il-magna, li meta tahbat ma' xi haga gholja ma jkunx hemm ix-chassis li jilqa', li jeffetwa ruhu imma mhux direttament.*

*It-teknologija ta' din il-karozza llum il-gurnata hija kkunsidrata bhala antika, hija durable pero' taghmel aktar hsara.*

*Il-karozza hija total loss ghaliex meta tikkunsidra il-parts, id-damage u t-tiswijiet strutturali li jkollha hafna hsara, jew inkella teccedi t-tmenin fil-mija ta' li tiswa l-karozza.*

*Din il-karozza ma soqnijiex, meta jkun hemm daqqa kbira bilfors irid ikun hemm allowance. Il-karozza kienet miexja u waqfet, u rridu nikkunsidraw jekk il-magna gralhiex xi haga ukoll.*

*Ir-rapport ma jistax ikun finali qabel mal-karozza tisewwa u tohrog fit-triq. Qed jigi moqri minn pagna 1 tar-rapport 'the engine as regards upper fittings does not seem to have suffered damages' – nghid li l-engine mountings kienu imqacctin, l-alternator ukoll.*

*Jiena kont wasalt fuq dak il-valur a bazi tal-market value ta' dak iz-zmien. Dan jiddependi mis-suq, mill-mudel u mill-popolarita' tal-karozza. Ma hemm l-ebda regola generali*

*rigward il-valur. Illum il-gurnata karozza bhal dik probabbli ma tiswiex daqshekk, pero' kelli kaz simili li tajt tmienja u ghoxrin mija.*

*Din il-karozza ma kelliex sadid u ma kellhiex daqqiet, ghalkemm kienet karozza tan-1992.*

*Iddecidejna li kienet beyond economical repair minhabba d-daqqa kbira li kellha, ma kinietx vijabbli li tissewwa.*

*Jiena ma nafx il-vettura fejn qieghdha.*

*Ri-ezami*

*Jiena nikkonferma r-rapport ezebit fl-atti.*

*Moqrija*

*Natalino Agius*

*Jixhed Raymond Caruana*

*Raymond Caruana, bil-Malti u bil-gurament jghid:*

*Jiena dakinhar ta' l-incident kont surgent, u kont mort fuq il-post ta' l-incident. Jiena dakinhar ma kontx hadt ritratti.*

*Qed nigi moqri lili l-affidavit li jiena tajt, u nikkonfermah.*

*Fuq il-post ta' l-incident jiena mort max-xufier, imma jiena kont ghamilt il-verifiki. Ma niftakarx li kien hemm xi zrar ma' l-art. Niftakar li jiena kont sibt lis-sewwieq tal-fire engine fuq il-post.*

*Jiena kont ghamilt tyre marks minflok brake marks peress li hemmhekk kien ikun hemm hafna minnhom u ghalhekk ma stajtx inkun naf ta' min huma.*

*Brake marks hija bold izjed minn tyre marks, imma bil-lejl kien hemm diversi marki.*

*Jista' jkun li staqsejt lis-sewwieq tal-fire engine rigward l-ispeed pero' ma niftakarx. Ma niftakarx lis-sewwieq l-iehor jekk kontx staqsejtu.*

*B'referenza ghal dokument RC1 li jissemma' fl-affidavit tieghi nghid li dan huwa d-dokument A ezebit fl-atti.*

*Jiena nikkonferma l-isketch ezebit.*

*Ma niftakarx x'kont staqsejt lil Leonard Tabone.*

*Dakinhar l-art ma kienetx imxarrba.*

*Ahna ma kellniex cameras u ritratti ma hadniex.*

*Ma jidhirlix li kien hemm xi zrar dakinhar.*

*Moqrija*

*Raymond Caruana*

<u>*Seduta mizmuma illum 16 ta' Settembru 2016 fl-ghaxra u kwart il-Qorti, Ghawdex.*</u>

*Prezenti r-rikorrenti assistit minn Dr Deborah Mercieca.  Prezenti Dr Ariana Falzon ghal intimat.*

*Dr Ariana Falzon tiddikjara li ma ghandhiex aktar provi.*

*Dan l-Arbitragg qed jithalla ghall-kontro ezamijiet ghat-18 ta' Novembru 2016 fil-hdax u nofs, il-Qorti, Gawdex.*

<u>*Seduta mizmuma illum 3 ta' Frar fl-ghaxra u kwart il-Qorti, Ghawdex.*</u>

*Prezenti r-rikorrenti assistit minn Dr Deborah Mercieca.  Prezenti Dr Miguel Degabriele li qed jassumi l-patrocinju ta' l- intimat.*

*Kontro-ezami ta' l-intimat minn Dr Deborah Mercieca*

*Geoffrey John Muscat, bil-Malti u bil-gurament jghid:*

*Naqbel li triq l-Imgarr hija wahda dritta u l-vizwali hija twila. Nghid li jiena rajt id-dwal hodor l-ewwel darba meta kont ftit metri boghod mil-lights.*

*Jiena l-ewwel mument li harist lejn il-lights kien ftit metri qabel u kienu hodor.*

*Nikkonferma li kif kont madwar distanza ta' tul ta' trakk id-dawl qaleb amber. Kif jiena ghaddejt mit-traffic lights id-dawl kien amber.*

*Nghid li jiena qatt ma rajt id-dawl tat-traffic lights ahmar.*

*Mistoqsi bil-fatt li x-xhud l-iehor qal li kif konna ghaddejjin minn lights dawn kienu homor, jiena ma naqbilx u nghid li jiena kont x-xufier tat trakk.*

*Ix-xhud kien riekeb mieghi, gabina wahda.*

*Warajja naf li kien hemm vetturi ohrajn. Ma nafx jekk baqghux hergin warajja jew waqfux.*

*Jiena ma bqajtx bl-istess speed tul it-triq kollha. Speed limit ma ghandniex, sa fejn naf jiena. Jiena ma nafx minfejn tohrog din ta' l-ispeed, naf li kull min isuq fire engine ma ghandux speed limit.*

*Jiena ma bqajtx bl-istess speed it-triq kollha.*

*Qed nigi muri dokument Ii qed nimmarka b'ittra X fejn bejn wiehed u iehor jiena bdilt l-ispeed. Nghid li jiena naqqast l-ispeed. Ma nafx kemm kien l-ispeed.*

*Jiena bl-ispeed li kont ghaddejt stajt inwaqqaf il-vettura fuq it-traffic lights.*

*Qed nigi mistoqsi b'referenza ghad-dikjarazzjoni tal-fatti tieghi, x'periklu seta' kien hemm li jiena nieqaf fuq il-lights, nghid li warajja kien hemm il-karozzi, u jiena harist mill-mera u rajthom u ma waqafx. Il-periklu li kien hemm kienu l-vetturi ta' warajja, b'tali mod li jiena bqajt hiereg.*

*Jiena stajt inwaqqaf il-vettura, imma kieku ghamilt hekk kont inkun ta' periklu ghal ta' warajja. Ta' warajja kien gej b'hafna speed bhali.*

*Jiena ma nafx jekk ta' warajja waqafx.*

*Jiena ma nafx kemm idum l-amber.*

*Jiena xoghli kien ta' xufier fid-Dipartiment ghal seba'snin, u ma nafx kemm idum amber id-dawl.*

*Amber huwa d-dawl bejn il-green u r-red light. Is-sinifikat tieghu x'suppost taghmel jiena ma nafx.*

*Ri-ezami*

*Jiena rajt mill-mera l-karozzi warajja u ma waqafx, u d-dawl kien amber u stajt nibqa' ghaddej. Il-beacon light kien mixghul.'*

**<u>L-incident mertu ta' dawn il-proceduri</u>**

Dan l-Arbitragg jirrigwarda incident stradali li sehh fl-4 ta' April 2007 fi Triq l-Imgarr, Xaghra Ghawdex bejn il-vettura Ford Escort targata BBG 516, u l-vettura Iveco li hija vettura tat-tifi tan-nar, targata GVH 483, misjuqa mill-intimat Geoffrey John Muscat.

Jirrizulta li r-rikorrenti kien qieghed isuq il-vettura BBG 516 mix-Xewkija, direzzjoni lejn in-Nadur. L-intimat li kien qieghed isuq il-vettura tat-tifi tan-nar kien ghaddej minn Mgarr Road, direzzjoni lejn ir-Rabat.

Dakinhar ta' l-incident, fejn sehh l-incident kien hemm it-*traffic lights.* Il-fire engine jispjega li waqt li kien ghaddej minn fuq il-lights, dawn qalbu *amber*, huwa hares fiz-zewg direzzjonijiet tat-traffiku, u kif ma ra l-ebda vetturi gejjin, huwa baqa' jsuq lejn id-direzzjoni tieghu. L-intimat jispjega li huwa lanqas induna li kien sehh l-incident bejn iz-zewg vetturi, u kien biss meta l-passiggier li kellu mieghu, certu Leonard Tabone gibidlu l-attenzjoni biex jieqaf li rrejalizza li kien sehh l-incident.

Da parti tar-rikorrenti Antonello Camilleri, huwa jispjega li kien ghaddej mit-triq li taghti mix-Xewkija lejn in-Nadur. Dakinhar ta' l-incident huwa kellu tliet passiggieri mieghu. Mill-boghod, huwa ra li t-traffic lights kienu hodor, u baqa' jsuq – madankollu kif wasal fejn il-lights ir-rikorrenti ra l-fire engine gejja bi speed, u huwa pprova jwaqqaf il-vettura biex jevita incident. Madankollu r-rikorrenti ma rnexxielux, u sehh l-impatt bejn iz-zewg vetturi, b'konsegwenza ta' liema mpatt l-vettura tar-rikorrenti daret u spiccat thares lejn ir-Rabat.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Fl-ewwel lok mill-atti jirrizulta li l-partijiet ipproducew provi estensivi in sostenn tat-tezi taghhom. Jirrizulta li l-impatt bejn il-vetturi kien wiehed konsiderevoli, u dan huwa evidenti mill-hsara fil-vettura tar-rikorrenti.

Il-vettura tat-tifi tan-nar li kien qieghed isuq l-intimat, ftit li xejn garbet hsarat, u mill-provi jirrizulta wkoll li l-intimat ma ndunax mill-ewwel li kien sehh l-incident. L-intimat jispjega li huwa kien ghaddej b'velocita' konsiderevoli peress li fil-hin ta' l-incident, kien imsejjah fuq xoghol ta' natura urgenti. Da parti tar-rikorrenti huwa jsostni li ghadda minn fuq il-lights fil-mument li kienu hodor, u ghalkemm huwa pprova jwaqqaf il-vettura tieghu sabiex jevita l-incident, huwa ma rnexxielux. Ir-rikorrenti jispjega wkoll li dakinhar tal-incident it-triq kien hemm iz-zrar, li ghamilha aktar difficli biex ir-rikorrenti jwaqqaf il-vettura tieghu.

It-tliet passiggieri li kienu fil-vettura mar-rikorrenti dak inhar ta' l-incident; Christine Camilleri, Dianne Debrincat u Jocelyn Borg ukoll jikkonfermaw li fit-triq kien hemm iz-zrar.

L-intimat, da parti tieghu jispjega li huwa ghadda minn fuq il-lights waqt li dawn kienu *amber.* Huwa jispjega li hekk kif wasal fuq il-lights, hares fiz-zewg direzzjonijiet, huwa fl-ebda hin ma ra lir-rikorrenti, u lanqas induna li kien sehh l-incident bejn iz-zewg vetturi.

Jirrizulta li l-intimat laqat il-vettura tar-rikorrenti b'wara tat-trakk.

Minn evalwazzjoni tal-provi prodotti mill-partijiet fl-atti ta' dan l-Arbitragg, hija l-fehma kunsiderata ta' l-Arbitu li l-intimat ma ezercitax id-diligenza mehtiega u

l-prekawzjoni necessarja dakinhar ta' l-incident, u kien ghalhekk li gara l-incident mertu ta' dawn il-proceduri.

L-intimat fl-ezercizzju ta' xoghlu huwa gustifikabbli li jara li jasal fuq il-post li jkun msejjah fil-hin, madankollu jrid jigi assigurat li ma jkunx ta' periklu ghall-persuni ohra sabiex jaghmel dan. Dan il-punt qieghed jinghad partikolarment minhabba l-fatt li waqt li l-intimat kien ghaddej minn fuq it-traffic lights, it-tul tal-vettura tat-tifi tan-nar huwa wiehed konsiderevoli, u jrid jikkalkula li l-vettura tieghu tkun lahqet ghaddiet qabel vetturi ohrajn li jkunu gejjin mid-direzzjoni opposta.

Di piu, l-Arbitru tosserva li s-sirena tal-vettura tat-tifi tan-nar ma kienetx mixghula, u dan kif anke kkonfermat minn Raymond Caruana, ex PS261, li acceda fuq il-post dakinhar ta' l-incident. Kieku tali sirena kienet mixghula, kienet tohloq aktar attenzjoni fix-xufiera l-ohrajn, sabiex jaghtu precedenza lill-vettura tat-tifi tan-nar sabiex taghddi.

Tenut kont tal-premess, hija l-fehma kunsiderata tal-Arbitru li l-intimat ghandu jinzamm responsabbli ghall-incident li gara fl-4 ta' April 2007, fi Triq l-Imgarr, Xaghra, Ghawdex.

Rigward il-quantum reklamat, mill-atti jirrizulta li r-rikorrenti pprezenta rapport mis-surveyor Natalino Agius, liema rapport gie kkonfermat bil-gurament. Dan ir-rapport jevalwa l-hsarat fuq il-vettura tar-rikorrenti u jistipula li l-vettura in kwistjoni kienet 'beyond economical repair' in segwitu ghall-incident. Ai termini ta' l-istess rapport, gie stabbilit il-valur tal-vettura fl-ammont ta' tlett elef, seba' mija u sebgha u ghoxrin ewro (Ewro3,727), gja elf u sitt mitt lira Maltin. Inoltre, jirrizulta li r-rikorrenti hallas is-somma ta' seba' ewro (Ewro7) gja tliet liri Maltin (Lm3) ghar-rapport tal-Pulizija, kif ukoll sebghin ewro (Ewro70) gja tletin lira

Maltin (Lm30) ghas-servizz ta' irmunkar tal-vettura. Dawn l-ispejjez huma debitament ikkonfermati u gustifikati.'

Konsegwentement l-arbitru ghaddiet sabiex tiddeciedi li r-responsabbilta' tal-incident kienet tinkombi fuq l-appellant odjern.

**9. L-ewwel aggravju**

Illi permezz tal-ewwel aggravju tieghu l-appellant isostni li l-arbitru ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi b'referenza partikolari ghall-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 kif emendat (Legislazzjoni Sussidjarja 65.11), Regolamenti dwar il-Vettura bil-Mutur, regolamenti 83 u 84.

Illi r-regolament 83 jaqra kif isegwi:

'(1) Fire engines . . . . li ghandhom precedenza minhabba n-natura tax-xoghol, jistghu juzaw mezzi ta' twissija akustici u, jew vizwali permezz ta' sireni, qniepen, horn b'zewg ilhna u dawl blu jteptep waqt li jkunu sejrin ghal sejha ta' urgenza jew f'emergenza.'

Illi l-aggravju tal-appellant huwa fis-sens li fil-kaz in kwistjoni l-appellant ma kienx mehtieg bil-ligi li jkollu s-sirena u d-dawl mixghulin f'daqqa izda biss wahda minnhom kif fil-fatt irrizulta mill-provi li kellu u cioe' kellu dawl blu jteptep izda mhux is-sirena. L-appellant jinsisti fl-aggravju tieghu li kellhom ordni nterna li wara l-

hamsa ta' filghaxija ma tinxteghelx is-sirena w'ghalhekk din ma kinitx mixghula. Prova dokumentata ta' din l-ordni ma jirrizultax li giet esebita fil-file. Fl-istess aggravju ghalkemm isostni li l-aggravju huwa fuq applikazzjoni hazina tal-ligi l-appellant jidhol fil-mertu u jinsisti li kien l-appellat li ma zammx 'proper look-out' u b'hekk sehh l-incident u mhux hu. Isostni wkoll li fl-atti hadd ma kkontesta li huwa kien sejjer fuq emergenza.

Illi l-Qorti rat dik il-parti tad-decizjoni tal-Arbitru fejn fil-fatt irrilevat illi gie pruvat li s-sirena ma kinitx mixghula u kkumentat illi kieku din kienet mixghula kienet tigbed aktar attenzjoni ta' xufiera ohra. Il-Qorti rat izda li din ma kinitx ir-raguni wahdanija ghalfejn l-arbitru waslet ghad-decizjoni dwar ir-responsabilita' tal-intimat appellant izda tat ragunijiet ulterjuri ghar-resonsabilita' tieghu fosthom li naqas milli jezercita d-diligenza mehtiega u l-prekawzjoni necessarja dakinhar ta' l-incident nkluz li ma kkalkolax it-tul tal-vettura tieghu nonostante li baqa' ghaddej minn fuq it-'traffic lights' meta dawn kienu fuq il-kulur 'amber' ser jaqilbu fuq l-ahmar b'dana li ma assigurax li ma jkunx ta' periklu ghall-persuni ohra sabiex jibqa' ghaddej.

Illi ghalkemm il-Qorti taqbel li r-regolament ikkwotat ma jirrikjedix kemm is-sirena kif ukoll id-dawl f'daqqa, ma tqisx li dan kien il-punt uniku li fuqu nstab responsabbli l-appellant ghall-incident in kwistjoni w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel aggravju kif limitat f'dan ir-rigward.

Illi l-ewwel aggravju wkoll ghalkemm imsejjah bhala punt ta' ligi mill-appellant, jilmenta dwar is-segwenti:

' . . . illi kif spjegat quddiem it-tribunal tal-Arbitragg, huwa baqa' ghaddej fuq id-dawl amber b'velocita' konsiderevoli stante li n-natura tal-vjagg li kien jikkonsisti f'emergenza kif ukoll li fl-eventwalita' li jieqaf f'salt fuq il-lights huwa kien jikkawza ncident iehor stante li l-karozzi warajh kienu vicin u ghaddejin huma stess b'velocita' konsiderevoli . . . . it-Tribunal tal-Arbitragg ma ghamilx kunsiderazzjoni tal-ligi vigenti ghal dak li jistipula l-Highway Code li juwa l-gwida ufficjali ta' sewwieq tal-vettura bil-mutur. Il-Highway Code jistipula illi "AMBER means 'STOP' at the stop line. You may go only if the AMBER appears after you have crossed the stop line <u>or are so close to it that to pull up might cause an accident.'</u>

Illi l-Qorti rat il-provi kollha fl-atti partikolarment ix-xhieda tal-appellant Geoffrey John Muscat fejn huwa ddikjara sahansitra li ma jafx xi jfisser il-kulur 'amber' ghajr li huwa bejn l-ahdar u l-ahmar w'ghalhekk hija konvinta li ma kienx jaf lanqas hu b'dak li jistipula r-regolament 83 u qed jingab issa bhala difiza nonostante li dak in-nhar ma kienx jaf. L-appellant jammetti li huwa kien qed isuq b'velocita' konsiderevoli. Rat ukoll illi filwaqt li l-appellat iddikjara li skont hu kellu l-vetturi gejjin warajh, il-passiggier ta' mieghu Leonard Tabone ddikjara li *'ma jidhirlix li ahna kellna karozzi warajna.'* Sahansitra dan

Leonard Tabone xehed li kif qabdu l-'lights' dawn kienu homor. L-appellant jichad li kienu homor meta qabdu l-'lights'. Rat ukoll li l-appellant Geoffrey John Muscat diversi drabi fix-xhieda tieghu ddikjara li huwa la ra l-vettura tal-appellat u lanqas induna bl-incident u li kien Leonard Tabone li qallu li kienet habtet vettura maghhom. Dan ikkonfermah Leonard Tabone.

Illi l-Arbitru dwar dan il-punt iddikjarat kif isegwi:

'Il-vettura tat-tifi tan-nar li kien qieghed isuq l-intimat, ftit li xejn garbet hsarat, u mill-provi jirrizulta wkoll li l-intimat ma ndunax mill-ewwel li kien sehh l-incident. L-intimat jispjega li huwa kien ghaddej b'velocita' konsiderevoli peress li fil-hin ta' l-incident, kien imsejjah fuq xoghol ta' natura urgenti. Da parti tar-rikorrenti huwa jsostni li ghadda minn fuq il-lights fil-mument li kienu hodor, u ghalkemm huwa pprova jwaqqaf il-vettura tieghu sabiex jevita l-incident, huwa ma rnexxielux. Ir-rikorrenti jispjega wkoll li dakinhar tal-incident it-triq kien hemm iz-zrar, li ghamilha aktar difficli biex ir-rikorrenti jwaqqaf il-vettura tieghu.

It-tliet passiggieri li kienu fil-vettura mar-rikorrenti dak inhar ta' l-incident; Christine Camilleri, Dianne Debrincat u Jocelyn Borg ukoll jikkonfermaw li fit-triq kien hemm iz-zrar.

L-intimat, da parti tieghu jispjega li huwa ghadda minn fuq il-lights waqt li dawn kienu *amber.* Huwa jispjega li hekk kif wasal fuq il-lights, hares fiz-zewg direzzjonijiet, huwa fl-ebda hin ma ra lir-rikorrenti, u lanqas induna li kien sehh l-incident bejn iz-zewg vetturi.'

Illi minn dak suespost jirrizulta lil din il-Qorti li mhux minnu li l-arbitru ma kkunsidratx x'jghid il-Highway Code ghal dak li jfisser il-kulur 'Amber' u x'jghid fir-rigward ta' vetturi li jkunu gejjin fuq wara ghalkemm ma qalitx dan specifikatament fil-lodo. Il-Qorti tqis li l-arbitru nonostante li hadet kont ta' dan kollu nkluz tal-emergenza ddikjarata mill-appellant, xorta wahda qieset li fic-cirkustanzi tal-kaz kif dikjarati lilha l-intimat ma kienx ezercita d-diligenza rikjesta minnu f'dawk ic-cirkustanzi u sabitu responsabbli ghall-incident.

Illi din il-Qorti zzid illi in vista tal-fatt li l-appellant stess ammetta li ma jafx xi jfisser il-kulur 'amber' ghal dak li huwa regolamenti tat-traffiku skont il-'highway code' u wkoll in vista li x-xhud okulari riekeb mieghu stess xehed li l-'lights' kienu qalbu homor meta l-appellant baqa ghaddej minn fuq il-'lights' u wkoll li ma kienx hemm vetturi ohra warajhom, tqis li dan ix-xhud huwa aktar kredibbli mill-appellant li sahansitra lanqas induna bl-incident u dan il-fatt biss juri l-livell dghajjef ta' attenzjoni li huwa kien qed jaghti lil dak li kien qed jigri fit-triq huwa u jsuq b'tant velocita'.

Il-Qorti ghaldaqstant tqis li l-appellant ma rnexxilux isostni l-aggravju tieghu li l-arbitru ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi anki f'dan ir-rigward ghaldaqstant jirrizulta li l-ewwel aggravju tal-appellant mhux gjustifikat u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**10. It-Tieni aggravju**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant isostni li l-abritru fid-decizjoni taghha ghamlet aprezzament ghal kollox zbaljat tal-provi mressqa quddiemha u gibdet konkluzonijiet skorretti.

Illi f'parti minnu l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fin-nuqqas ta' qbil tieghu li dak in-nhar tal-incident seta' kien hemm xi zrar fit-triq li seta' wassal ghall-incident stante li l-appellat ddikjara li anki ghaliex kien hemm iz-zrar, ghalkemm huwa ha brejk, xorta wahda ma rnexxilux jevita l-incident.  L-appellant jinsisti li da parti tieghu huwa qatt ma kkonferma li kien hemm iz-zrar u jaghmel ukoll referenza ghax-xhieda ta' Leonard Tabone li kien passiggier mieghu u ghal dik tas-surgent PS 261 Raymond Caruana.  Madanakollu l-Qorti rat mill-atti li ghall-kuntrarju, l-appellat kif ukoll it-tliet passiggieri rekbin mieghu lkoll ikkonfermaw li dak in-nhar x'hin ibbrejkja l-appellat fit-triq kien hemm xi zrar.  L-arbitru emmnet din il-verzjoni kif jirrizulta mil-lodo appellat tant li ghamlet referenza ghax-xhieda ta' Christine Camilleri, Dianne Debrincat u Jocelyn Borg li lkoll ikkonfermaw li fit-triq kien hemm iz-zrar.

Illi din il-Qorti tqis li l-abbli arbitru kienet f'pozizzjoni ahjar minnha sabiex tisma' hi stess ix-xhieda u tevalwza l-kredibilita' taghhom.  Din il-Qorti fi stadju taghha ta' appell ma kellhiex din il-possibilita'.  Il-Qorti rat ukoll li l-fattur taz-zrar ma kinitx l-uniku raguni li wasslet ghad-decizjoni tal-abritru dwar ir-responsabilita' izda kien hemm

ukoll il-fatt li l-appellant baqa' jsuq fuq l-'amber', li ammetta li ma kienx jaf xi jfisser u xi jrid jaghmel mal-'amber', li ma rax il-vettura tal-appellat u li sahansitra ma ndunax bl-incident. Kien dan kollu fl-assjem tieghu li wassal ghad-dikjarazzjoni ta' responsabilita' tal-appellant u l-Qorti taqbel mal-evalwazzjoni tal-arbitru w'ghalhekk dwar il-kwistjoni taz-zrar il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad it-tieni aggravju tal-appellant.

Illi dwar il-bqija tal-aggravju u cioe' dik il-parti fejn l-appellant jipprova jiggustifika n-nuqqqas tieghu li ma ntebahx bl-incident din il-Qorti ma tqisx li ghandha aktar xi zzid mal-apprezzament taghha tal-fatti kif gia suesposti. Din il-Qorti ma sabet xejn fl-atti li jiggustifika, nonostante l-emergenza ta' persuna maqbuda fuq 'cherry picker', li l-appellant baqa' ghaddej minn fuq il-'lights' nonostante li dawn kienu 'amber' u qalbu homor, minghajr lanqas biss ra l-vettura tal-appellat gejja minn fuq ix-xellug kif kellha kull dritt taghmel la l-'lights' kienu hodor ghaliha u minghajr ma lanqas biss induna bl-incident. Il-Qorti anzi zzid li dan l-incident seta' kellu konsegwenzi ferm aktar gravi minn dawk li effettivament sehhew fejn setghu wegghu serjament bosta nies (partikolarment l-appellat u l-passiggiera mieghu) u huwa fuq dan li l-appellant kellu jikkontempla wara l-incident u mhux itawwal dawn il-proceduri ghal tnax-il sena shah wara l-incident sabiex ihallas dak dovut lill-appellat ghad-danni sofferti. Certament li tkun qed issuq 'fire-engine' filwaqt li tkun sejjer fuq emergenza ma jaghtikx 'carta-bianca' li ssuq b'mod perikoluz minghajr ebda kont

b'riskju li biex tghin lil xi persuni tispicca twegga' jew aghar persuni ohrajn.

Illi l-Qorti wara li rat ix-xhieda kollha u l-provi kollha fl-atti tqis li verament l-appell odjern kien wiehed frivolu u vessatorju ghall-ahhar u mhux ser tipprocedi sabiex twahhel l-ispejjez doppji unikament sabiex ma tkomplix izzid mal-pjaga ta' snin twal fil-Qrati u spejjez li gab mieghu dan l-incident.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi l-appell billi tichad l-aggravji kollha tal-appellant u tikkonferma l-lodo appellat fl-ismijiet premessi datat 25 ta' Gunju, 2019.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri Imhallef**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**